IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 48**

| | | |
|---|---|---|
| * | **Il-Kunsill iltaqa` nhar**<br>**It-Tlieta 12 ta' Jannar 2016 fis-7.00 pm**<br>**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** | Data u ħin |

** **Preżenti għal-Laqgħa:** — Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Christian Azzopardi | Ambaxxatur |
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 46**

1.01 Il-minuti tas-seduta numru G46 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. — Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 46

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 46** — Punti li joħorġu mill-Minuti G 46

2.01 12.03 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-kumpanija *Green MT* kienet għadha ma neħħitx il-*bring-in-sites* ta' Misraħ il-Forok hekk kif mitlub mill-Kunsill. — *Bring-in-sites* ta' Misraħ il-Forok



8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: +356 21455000 / 21451510
Fax: +356 21451945 email: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

2.02 14.03 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li x-xogħlijiet fi Sqaq nru 1, Triq il-Kulleġġ kienu għadhom ma nbdewx peress li l-Kunsill kien għaddej bil-proċess li jinħatar perit ġdid tal-Kunsill. — Xogħlijiet ta' *Crete Print* fi Sqaq 1, Triq il-Kulleġġ

2.03 14.07 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-intervent mill-*Pest Control Unit* fuq l-influss tal-ħamiem kien ser isir fil-ġimgħat li ġejjin. — Influss ta' ħamiem

**3.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 47**

3.01 Il-minuti tas-seduta numru G47 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. — Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 47

**4.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza**

4.01 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1386/15,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva petizzjoni miġbura mir-residenti li joqgħodu fi Triq il-Lellux, fejn dawn qegħdin jitolbu lill-Kunsill sabiex l-imsemmija triq tiġi asfaltata. — Petizzjoni - Triq il-Lellux

Wara diskussjoni li saret il-Kunsill qabel li nitolbu lill-perit tal-Kunsill sabiex iħejji rapport dwar l-istat li tinsab fih it-triq, peress li l-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jivverifika jekk din it-triq qatt ġietx asfaltata mill-Gvern Ċentrali.

Is-Sindku ppropona li fil-każ li jirriżulta li t-triq imsemmija qatt ma ġiet asfaltata, il-Kunsill jagħmel talba lill-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura. Il-Kunsillier Stephen Borg issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

** Il-Kunsillier Rudolf Grima daħal għal-laqgħa fis-7.30 ta' filgħaxija.

4.02 Is-Sindku informa l-laqgħa li skont kif tipprovdi l-liġi tal-Kunsilli Lokali fi ftit tal-ġimgħat oħra trid issir il-laqgħa annwali tal-lokalità. Huwa ppropona li din il-laqgħa ssir nhar it-Tlieta 9 ta' Frar 2016 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. — Laqgħa Annwali tal-Lokalità

**5.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet**

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kien reġa' wasal iż-żmien biex il-Kunsill iħallas il-miżata tal-*Performing Right Society* għas-sena 2016. Il-ħlas huwa ta' €20. Is-Sindku ppropona li l-miżata titħallas għal sena oħra. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament. — Ħlas tal-*Performing Right Society*

5.02 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-kuntrattur *Mica Med Limited* kien qiegħed jilmenta dwar il-pagament li kien fadallu jieħu għal xogħol li għamel fil-Pjazza ta' San Pawl. Dan wara li f'seduta G45 il-Kunsill ma approvax pagament numru 7971 peress li d-dawl f'din il-Pjazza kien reġa' jinsab mitfi. — Pagament lill-kuntrattur *Mica Med Ltd*

Fuq proposta tal-Kunsillier Rudolf Grima, il-Kunsill qabel li l-kuntrattur jingħata elf ewro mill-pagament li fadallu jieħu u meta l-problema tissolva, jingħata l-kumplament tal-pagament. Issekonda l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.03 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 253 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. *L-iskeda tal-ħlasijiet numru 253*

**6.00 Attendenza tal-Kunsillieri skont it-termini tal-artiklu 18 tal-att dwar il-Kunsilli Lokali**

6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-attendenza tal-Kunsilliera għall-perjodu ta' bejn Ġunju u Novembru 2015. Hi ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill, li l-Kunsillier Paul Grech naqas milli jattendi l-laqgħat skont Artiklu 18 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali. *Attendenza tal-Kunsillieri*

Fuq mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Rudolf Grima u ssekondata mill-Kunsillier Stephen Borg, il-Kunsill unanimament qabel li jiġi rrakkomandat lill-Ministru biex il-post tal-Kunsillier Grech ma jiġix vakant.

**7.00 Ġbir tal-Iskart Reċiklabbli**

7.01 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-kuntratt għall-ġbir tal-iskart riċiklabbli li l-Kunsill kellu mal-kumpanija *Green MT* kien skada u għaldaqstant il-Kunsill kien ħareġ Espressjoni ta' Interess liż-żewġ kumpaniji reġistrati mal-MEPA, il-*Green Pak* u l-*Green MT* sabiex jitfgħu l-proposti tagħhom. Huwa qal li l-Kunsill kien irċieva proposta waħda biss, dik tal-kumpanija *Green MT*. *Ġbir tal-Iskart Reċiklabbli*

Wara diskussjoni li saret fejn ġiet evalwata l-unika proposta mitfugħa, is-Sindku ppropona li tingħażel il-proposta tal-kumpanija *Green MT*. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

**8.00 *Wind Farm* fir-Rabat**

8.01 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jikteb lill-Ministru Konrad Mizzi sabiex jiġi verifikat jekk hemmx interess min-naħa tal-Gvern Ċentrali li ssir *Wind Farm* ġewwa Wied Rini L/O Baħrija jew f'xi akkwata oħra fil-konfini tar-Rabat. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Rudolf Grima. Il-Kunsill qabel unanimament. *Wind Farm fir-Rabat*

**9.00 Korrispondenza**

9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza numru **50/1143/15** riċevuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn l-Kunsill kien qiegħed jintalab sabiex skont Artiklu 33 (1) (1) tal-Att dwar Il-Kunsilli Lokali, jipproponi lill-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni, persuni biex jinħatru bħala presidenti ta' kunsilli ta' skejjel primarji. *Ħatra ta' Presidenti tal-Kunsilli Skolastiċi*

Wara diskussjoni li saret ġie deċiż li l-ismijiet tal-persuni li ser jiġu proposti jittellgħu għad-diskussjoni fis-seduta li jmiss.

9.02 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza numru **50/1378/15** riċevuta minn 'Transport Malta' dwar kaxxa safra quddiem garaxx fi Triq San Publiju ħdejn dar 'St. Rita'. Hija qrat il-korrispondenza kollha mibgħuta bejn il-partijiet konċernati u infurmat ukoll li ftit tal-jiem ilu tali sinjali kienu tneħħew minn 'Transport Malta' mingħajr pre-avviż. — Sinjali tat-traffiku fi Triq San Publiju

** Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li jiġi skużat fit-8.30 ta' filgħaxija.

9.03 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1281/15,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp sabiex Triq San Pawl tingħalaq bil-*bollards* fit-tlett t'ijiem tal-festa. — Talba mill-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jagħti din in-*No Objection* bil-kundizzjonijiet li ġejjin:
- li l-ispiża għal dawn il-*bollards* u l-istallazzjoni ssir għas-spejjeż tal-Arċikonfraternità
- li l-Kunsill jiġi avżat meta jkunu ser jitwettqu tali x-xogħlijiet fit-triq.
- li l-Arcikonfraternità tavża lill-ħwienet u lir-residenti taż-żona bil-ġranet tal-għeluq tat-triq
- li fil-jiem tal-festa l-*bollards* iridu jinfetħu mill-Arcikonfraternità sabiex il-kuntrattur tal-Kunsill ikun jista' jagħmel it-tindif meħtieġ.
- li kopja taċ-ċwievet ta' dawn il-*bollards* tiġi mgħoddija kemm lill-Kunsill kif ukoll l-għassa tal-pulizija.

Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Rudolf Grima. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.04 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1337/15,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand l-Awtorità tad-Djar fejn kienet qed tintalab *No Objection* mingħand il-Kunsill, sabiex isir *shaft* ta' lift fuq il-bankina tal-entratura ta' Blokk F1, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Triq Edward Nicolas, Għajn Kajjet. — Talba mill-Awtorità tad-Djar

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jagħti din in-*No Objection* bil-kundizzjoni li jekk isiru xi ħsarat fuq il-bankina eżistenti din għandha tiġi rranġata għas-spejjeż tal-Awtorità. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.05 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1286/15** is-Sindku informa l-laqgħa li din il-bozza kienet ġiet approvata mill-Korporazzjoni Enemalta. Il-Kunsill qabel li din għandha titpoġġa fuq il-*waiting list* sabiex ma jinqabeż ħadd. — Bozza titpoġġa fuq il-*waiting list*

9.06 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0004/16** is-Sindku informa l-laqgħa li din il-bozza kienet ġiet approvata mill-Korporazzjoni Enemalta. Il-Kunsill qabel li din għandha titpoġġa fuq il-*waiting list* sabiex ma jinqabeż ħadd. — Bozza titpoġġa fuq il-*waiting list*

## 10.00 Minuti Kumitat Amministrattiv Baħrija – Seduti numru B15 u B16

10.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija B15 u B16 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Rudolf Grima ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti — Minuti KA Baħrija B15 u B16

## 11.00 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduta numru B16

11.01 Il-Kunsillier Rudolf Grima ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù B16 jittieħdu bħala moqrija. Il-Viċi Sindku ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Minuti KA Virtù B16

## 12.00 Materji Oħra

12.01 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-proġett sottomess mill-Kunsill Lokali Żgħażagħ bl-isem 'Atmosfera ġdida għal librerija aħjar' kien ġie aċċettat. Il-Kunsill feraħ u irringrazzja lill-Kunsill Lokali Żgħażagħ għal din l-inizzjattiva. Proġett Kunsill Lokali Żgħazagħ 2015-2016

12.02 Is-Sindku ppropona li fl-Estimi Annwali għas-sena 2016 jiżdied il-vot oriġinali għall-installazzjoni ta' bozoz ġodda sabiex titnaqqas xi ftit il-*waiting list* li hemm. Il-Kunsillier Stephen Borg issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Installazzjoni ta' bozoz ġodda fis-sena 2016

12.03 Is-Sindku informa l-laqgħa li kien hemm *cable* tad-dawl bil-ħsara fi Triq Patri Tumas Xerri l-Baħrija u li kawża ta' din il-ħsara iż-żona kienet tinsab mitfija. *Cable* tad-dawl fi Triq Patri Tumas Xerri l-Baħrija

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li peress li Triq Patri Tumas Xerri hija fil-konfini tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija, tali deċiżjoni u nefqa trid tiġi approvata mill-KA. Għaldaqstant dan il-każ ser jinġieb għall-attenzjoni tal-KA fis-seduta li jmiss.

12.04 Il-Kunsillier Andrew Mallia ppropona li din is-sena jibdew xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-binja tal-ufficini tal-Kunsill. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Rudolf Grima. Il-Kunsill qabel unanimament. Xogħlijet ta' manutenzjoni fil-binja tal-uffiċini tal-Kunsill

## 13.00 Data tas-seduta li jmiss

13.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 9 ta' Frar 2016 fis-7.00 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

13.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8.50 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 9 ta' Frar 2016

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**